MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 250/2004

Kawza fil-lista: 24

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha C D, u E sive F G**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**H D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-attrici A B zzewget lil konvenut H D fit-tlieta (3) ta' Novembru 1990;

Peress illi bejn l-1996 u l-1997 l-attrici A B isseparat de facto minn mal-istess konvenut u ilha hekk fizikament mifruda minn mieghu minn dak iz-zmien;

Peress illi f'Gunju 2000 l-attrici bdiet relazzjoni mal-attur E sive F G;

Peress illi fl-ghaxra (10) ta' Ottubru 2003, l-attrici ottjeniet l-annulament taz-zwieg taghha mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta, u ottjeniet ukoll separazzjoni personali minn mal-konvenut H D permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 2004;

Peress illi mir-relazzjoni ta' bejn l-attrici A B u l-attur E sive F G twieled, fis-sittax (16) ta' Frar 2004, tifla bl-isem C (Dok A), liema tifla

minuri giet registrata bhala bint il-konvenut H D meta hija fil-fatt bint naturali tal-attur E sive F G;
Peress illi ghalhekk hemm lok illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri C D jigi emendat fis-sens illi l-paternita tal-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-attur E sive F G huwa l-missier naturali tal-minuri C D;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri C D mhijiex il-bint naturali tal-konvenut H D, izda hija t-tifla naturali tal-attur E sive F G;

2. tordna u tiddeciedi ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att ta' twelid ta' C D, numru 915 tas-sena 2004, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, billi l-kolonna fejn hemm imnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut H D jigu kancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-attur E sive F G;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-atturi ghandhom jispecifikaw fit-talbiet taghhom d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ ta’ l-attur E sive F G biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni tad-dettalji rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem “*the said”* iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenut H D debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni tal-espert xjentifiku Dr.Renald Blundell minnu debitament mahlufa;

Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitlobu dikjarazzjoni gudizzjarja minn din il-Qorti fis-sens li l-minuri bl-isem C D mwielda fis-16 ta' Frar 2004 mhijex il-wild naturali tal-konvenut H D, izda hija l-wild ta' l-attur E sive F G; u qed jitolbu l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri, li jgib in-numru 915 tas-sena 2004.

Mill-provi rrizulta assodat li, ghalkemm il-minuri C twieldet meta z-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut H D kien ghadu legalment validu, din twieldet mir-relazzjoni li l-attrici ghandha ma' l-attur.

Il-fatti huma dawn. Il-konjugi D zzewgu fit-3 ta' Novembru 1990 u fis-sena 1996 sseparaw de facto. Sussegwentement f' Gunju tas-sena 2001 l-attrici ltaqet mal-konvenut E G u nitbtet relazzjoni soda bejniethom tant li dawna ddecidew li jkollhom tarbija u, skond l-attrici din giet koncepita fl-1 ta' Gunju 2003, u l-minuri C twieldet fi Frar 2004.

Fil-frattemp fl-10 ta' Ottubru 2003 l-attrici ottjeniet l-annullament taz-zwieg taghha minn naha tal-awtoritajiet ekklesjastici, u fis-26 ta' Frar 2004 ottjeniet is-separazzjoni personali permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti.

Illi l-provi juri li l-missier naturali tat-tarbija C huwa l-attur E G. Dan jinsab ukoll konfermat mir-rapport xjentifiku [Fols.88 et seq.] Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u [1] tiddikjara li l-minuri C D mhijex il-wild naturali tal-konvenut H D, izda hija t-tifla naturali ta' l-attur E sive F G; u [2] tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri u li jgib in-numru 915 tas-sena 2004 fis-sens li fil-kolonna fejn hemm imnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut H D jigu kancellati u sostitwiti bil-

konnotati ta’ l-attur E G bil-karta ta’ l-identita’ numru 401768 u li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri bintu kellu 35 sena, kien residenti l-Belt Valletta, u li missieru Joseph f’ dak iz-zmien ma kienx ghadu haj.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-atturi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------